# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-19 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 1181/2013 SM**

***Puma Footwear Limited***
**(C – 3097)**

**vs.**

**Avukat Dottor Victor J. Bugeja u**
**b'digriet datat il-25 ta' Frar, 2014,**
**giet kjamata in kawza s-socjeta`**
***Malta Industrial Parkes Limited***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi permezz tal-mandat ta' qbid indikat fl-istess rikors promotur gew prelevati makkinarji, merkanzija u oggetti ohra fil-fabbrika numru M 10, fl-*Imriehel Industrial Estate*, Hal-Qormi, (ara foll 5);

1.2. Illi bhala kunsinnatarju fir-rigward kien gie nominat l-intimat;

1.3. Illi permezz tal-kawza fl-ismijiet ***Patrick Staines nomine vs. Mario Tonna et nomine***, s-socjeta` ***Malta Industrial Parks Limited***, gia` ***Malta Development Corporation***, talbet il-likwidazzjoni tal-kumpens ghall-okkupazzjoni mis-socjeta` rikorrenti tal-fabbrika fuq indikata u l-kundanna tal-istess;

1.4. Illi fl-istess kawza indikata fil-paragrafu precedenti s-socjeta` hawn rikorrenti intavolat kontro-talba kontra s-socjeta` imsemmija fil-paragrafu precedenti biex din tigi dikjarata responsabbli ghad-danni fil-makkinarju, merkanzija u oggetti fuq riferiti;

1.5. Illi b'decizjoni tas-7 ta' Lulju, 2009, l-azzjoni proposta mis-socjeta` *Malta Industrial Parks Limited* kienet dikjarata dezerta u cahdet il-kontro-talba fuq riferita *stante* li l-azzjoni kien messha giet diretta kontra l-kunsinnatarju, (ara foll 16 *et sequitur*);

1.6. Illi b'sentenza datata t-28 ta' Settembru, 2012, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza *in prim'istanza* rigwardanti l-kontro-talba, (ara foll 27);

1.7. Illi l-makkinarju, merkanzija, u/jew oggetti l-ohra involuti garrbu hsara rreparabbli minhabba telqa, negligenza, u nuqqas ta' manutenzjoni adegwata, jew addirittura trafugati fiz-zmien li dawn kienu maqbuda u kkonsenjati lill-konsenjatarju intimat;

1.8. Illi bhala kunsinnatarju l-intimat kellu l-obbligu li jkkustodi l-oggetti *de quo uti bonus paterfamilias*;

1.9. Illi ghall-mankanzi tieghu, l-istess intimat ghandu jwiegeb ghad-danni;

1.10. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tiddikjara lill-intimat responsabbli ghad-danni subiti fil-makkinarju, merkanzija u oggetti ohra tas-socjeta` rikorrenti;

1.10.2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-socjeta` intimata;

1.10.3. Tikkundannah ihallas id-danni hekk likwidati;

1.10.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat;

2. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 51);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-5 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu l-intimat sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 116):

3.1. Illi mhux il-legittimu kontradittur kif gia` dikjarat f'ittra datata l-5 ta' Settembru, 2013, (ara foll 122);

3.2. Illi l-imhazen fejn kienu magazzinati l-oggetti maqbuda huma proprjeta` tal-*Malta Industrial Parks Limited* u amministrati minnha;

3.3. Illi ghalhekk l-istess socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti ghandha tigi kjamata in kawza;

3.4. Illi l-kawza hi irrita u nulla *stante* li tispetta lill-likwidatur tas-socjeta` rikorrenti billi l-istess kienet imnehhija mir-Registru tal-Kumpaniji;

3.5. Illi sussegwentement l-istess socjeta` kellha titqieghed lura fl-istess Registru bil-kundizzjoni li l-istess socjeta` titqieghed fi stat ta' stralc, (ara foll 151);

3.6. Illi l-intimat, la personalment u lanqas bhala mandatarju tas-socjeta` *Malta Industrial Parks Limited* ma kkawza l-ebda danni lis-socjeta` rikorrenti;

3.7. Illi l-oggetti maqbuda bil-mandat ta' qbid fuq riferit ma kellhom l-ebda valur u konsegwentement ma sofriet l-ebda danni;

3.8. Illi l-intimat dejjem ha l-prekawzjonijiet mehtiega biex jassigura l-ahjar preservazzjoni tal-oggetti in dizamina;

3.9. Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti huma bbazati fuq premessi frivoli u vessatorji, jekk mhux frawdolenti billi l-istess socjeta` abbandunat l-oggetti in dizamina;

3.10. Illi tramite wiehed mill-legali taghha s-socjeta` rikorrenti kemm- il darba ddikjarat li kienet taf li l-intimat ma kkawzalha ebda danni, u riedet biss tuza lill-istess bhala leva kontra l-gvern biex iggieghel lill-gvern ihallas kumpens ghall-oggetti *de quo*;

3.11. Illi kontrarjament ghal dak affermat mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur taghha l-kawza minnha citata ma kienitx wahda definittiva;

3.12. Illi l-vertenza *de quo* kienet definittivament deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru, 2012, li tikkontradixxi bi shih l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti;

3.13. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti qed tipprova tizvija lill-qorti fir-rigward;

3.14. Illi fi kwalunkwe kaz, ghandu wkoll jittiehed l-element ta' kontributorjeta` fid-danni sofferti;

3.15. Illi kwalsiasi kundanna ghall-hlas ta' danni ghandha tkun unikament diretta kontra s-socjeta` ***Malta Industrial Parks Limited***, u dan *ai termini* tal-obbligi kuntrattwali ermergenti mill-ftehim li l-istess socjeta` ghandha mal-intimat, (ara foll 124);

3.16. Salv risposti ulterjuri;

3.17. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti u/jew il-kjamata in kawza;

4. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati, ordnat il-kjamata in kawza tas-socjeta` *Malta Industrial Parks Limited*, (ara foll 190);

5.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-24 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha l-istess socjeta` kjamata in kawza sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 180):

5.1. Illi l-kawza hi irrita u nulla;

5.2. Illi ma kkagunat l-ebda danni lis-socjeta` rikorrenti;

5.3. Illi s-socjeta` rikorrenti ma sofriet l-ebda danni;

5.4. Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta` rikorrenti kellha l-obbligu li timminimizza d-danni izda ma hadet ebda pass ghal dan il-ghan;

5.5. Illi s-socjeta` rikorrenti hi debitrici tas-socjeta` kjamata in kawza ghall-ispejjez gudizzjali tal-kawza ***Patrick Staines nomine vs. Mario Tonna et nomine*** deciza b'mod finali fit-***28 ta' Settembru, 2012***, u ghalhekk, kwalsiasi ammont li jista' jigi likwidat ghandu jigi pacut mal-ammont dovut;

5.6. Salv risposti ulterjuri;

6. Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-intimat Bugeja datata t-13 ta' Jannar, 2016, li permezz taghha eccepixxa ulterjament il-preskrizzjoni ai termini tal-artikli 2153 u 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara foll 280);

7. Rat id-digriet taghha datat it-28 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita ghall-istess mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 296);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata d-29 ta' Lulju, 2016, (ara foll 301), flimkien man-nota korrettorja taghha datata t-30 ta' Settembru, 2016, (ara foll 329);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` kjamata in kawza datata d-29 ta' Settembru, 2016, (ara foll 325);

10. Semghet ix-xhieda prodotta;

11. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati in atti;

12. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

13.1. Illi bejn l-intimat u l-Korporazzjoni aventi kawza ghas-socjeta` kjamata in kawza kien hemm ftehim datat l-1 t'April, 2001, li permezz tieghu gie pattwit li l-intimat kellu joffri s-servizzi tieghu ta' prokuratur legali u ta' konsenjatarju lill-istess Korporazzjoni, (ara foll 124);

13.2. Illi l-istess posizzjoni ta' konsenjatarju tal-intimat kienet sussegwentement ukoll ikkonfermata u ratifikata mis-socjeta` kjamata in kawza permezz t'ittra datata s-6 ta' Frar, 2013, (ara foll 128);

13.3. Illi kif jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet ***Patrick Staines nomine vs. Mario Tonna nomine et*** datata is-***7 ta' Lulju, 2009***, **Citazzjoni Numru 1078/1995/2**, s-socjeta` hawn rikorrenti kienet tikri fabbrika M 10, Mriehel ***Industrial Estate*** mill-***Malta Development Corporation*** li sussegwentement kienet inkorporata fil-***Malta Industrial Parks Limited***, (ara foll 17);

13.4. Illi peress li s-socjeta` rikorrenti rrizultat moruza fil-hlas ta' kera inhareg ordni ta' zgumbrament kontra taghha, (ara foll 52 u 193);

13.5. Illi l-istess socjeta` hawn rikorrenti naqset li tbattal il-fabbrika u konsegwentement inhareg mandat ta' qbid fil-konfront tal-oggetti minnha hemm abbandunati, (ara

foll 5), *stante* li l-Korporazzjoni fuq indikata riedet tutilizza l-istess fabbrika;

13.6. Illi l-oggetti mqbuda bl-imsemmi mandat kienu mahzuna f'postijiet differenti;

13.7. Illi l-konsenjatarju taghhom kien l-intimat;

Ikkunsidrat:

14. Illi essenzjalment is-socjeta` rikorrenti qed tissottometti li l-intimat ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni minnha subiti fil-makkinarju, merkanzija u oggetti li hi abbandunat fil-proprjeta` tas-socjeta` kjamata in kawza *stante* li dan lanqas jagixxa tal-anqas bhala *bonus paterfamilias*, (ara foll 194);

15. Illi ssosstni wkoll li meta l-imsemmija oggetti kienu mcaqalqa minn post ghall-iehor, dawn ma gewx inventarjati, (ara foll 193);

16. Illi ssosstni wkoll li sofriet sgass u serq ta' uhud mill-istess oggetti, (ara foll 194);

17. Illi finalament issosstni wkoll li qatt ma saret manutenzjoni tal-magni lilha maqbuda, (ara foll 193);

Ikkunsidrat:

18. Illi kemm l-intimat Bugeja u s-socjeta` kjamata in kawza jirribattu l-allegazzjonijiet lilhom indirizzati u jikkontestaw it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

19. Illi essenzjalment din il-procedura tindirizza d-doveri tal-konsinnatarju;

20. Illi jigi rilevat li *ai termini* tal-artiklu 287(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kunsinnatarju ma jistax jigi mahtur meta dan ikun:

"fl-impjieg dirett jew indirett tal-kreditur";

21. Illi bil-ftehim pattwit bejn il-Korporazzjoni fuq riferita aventi kawza tas-socjeta` kjamata in kawza, datat l-1 t'April, 2001, (ara foll 124), jirrizulta li l-intimat Bugeja kien qed jassumi zewg (2) funzjonijiet simultanjament u kontradittorji fihom infushom – senjatament, dak ta' mandatarju u dak ta' kunsinnatarju;

22. Illi *nonostante* s-suespost, minkejja l-problemi li tali rizultanza tista tohloq lill-intimat *de quo* u lil min hekk inkarigat, la darba l-istess intimat accetta li jaqdi l-funzjoni ta' kunsinnatarju, allura xorta wahda japplikaw fil-konfront tieghu d-disposti tal-ligi rgiwardanti r-responsabbilita` tal-kunsinnatarju;

Ikkunsidrat:

23. Illi fir-rigward tal-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-intimat Bugeja rigwardanti l-preskrizzjoni ai termini tal-**artikli 2153** u **2156 (f) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, jinghad sintetikament is-segwenti:

**A. Artiklu 2153 tal-Kap 16:**

24. Illi dan l-artiklu jistipula s-segwenti:

> "L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn";

25. Illi kuntrarjament, ghal dak li ssosstni s-socjeta` rikorrenti, (ara foll 303), dan l-artiklu hu effettivament applikabbli ghall-vertenza odjerna *stante* li l-vertenza in dizamina mhix rizultat ta' kulpa kuntrattwali ghaliex ir-relazzjoni kuntrattwali li ghaliha tirreferi s-socjeta` rikorrenti hi ezistenti bejnha u l-Korporazzjoni *de quo* u mhux bejnha u l-intimat Bugeja;

**B. Artiklu 2156 (f) tal-Kap 16:**

26. Illi dan l-artiklu jistipula s-segwenti:

> "L-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet

ohra taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku";

27. Illi jigi sintetikament sottolineat li gialadarba japplika l-artiklu 2513 tal-Kap 16 *de quo*, allura m'hemm bzonn jinghad xejn aktar dwar dan l-artiklu u ghalhekk f'dan l-istadju m'hemm ghalfejn jinghad xejn aktar fir-rigward;

Ikkunsidrat:

28. Illi f'dan ir-rigward tal-preskrizzjoni s-socjeta` rikorrenti ssosstni li la l-oggetti in meritu ghadhom fil-kustodja tal-intimat Bugeja li ghadu l-kunsinnatarju taghhom, allura l-obbligi tad-diligenza mistennija minn missier tajjeb tal-familja ghadhom jissussistu u konsegwentement, it-terminu preskrittiv sollevat mill-intimat Bugeja ghadu lanqas biss beda jiddekorri;

29.0. Illi dwar il-lanjanza indikata fil-paragrafu precedenti jinghad sintetikament is-segwenti:

29.1. Illi dan il-kwezit jirrizulta indirizzat fl-**artiklu 2137 tal-Kap 16 tal-ligijiet *de quo*** li jistipula s-segwenti:

> "Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li liha din l-azzjoni tmiss";

29.2. Illi in vista tal-premess, il-preskrizzjoni ta' kull azzjoni ghalhekk tibda minn dakinhar li l-azzjoni setghet effettivament tkun introdotta skont il-forum adattat;

29.3. Illi *di piu`*, f'dan il-kaz ukoll, ma seta' jittiehed qies ta' l-ebda stat jew kundizzjoni tal-persuna involuta li lilha l-azzjoni *de quo* kienet tmiss;

29.4. Illi ghalhekk, hu biss jekk il-jedd in dizamina jkun wiehed kondizzjonali li z-zmien preskrittiv jitwaqqaf u dan, sakemm tippersisti l-kondizzjoni involuta;

Ikkunsidrat:

30. Illi jirrizulta assodat li l-allegat dannu soffert mis-socjeta` rikorrenti beda fit-2 t'Awwissu, 1995 – jum li fih tirrizulta li kienet intavolata l-procedura fl-ismijiet ***Patrick Staines nomine vs. Mario Tonna nomine et***, ***Citazzjoni Numru 1078/1995/2***, (ara foll 16);

31. Illi konsegwenza tal-istess jirrizulta li l-perjodu preskrittiv ghandu jitqies li beda jiddekorri mid-data indikata fil-paragrafu precedenti;

32. Illi di piu` jirrizulta li l-azzjoni odjerna kienet inizzjata fil-11 ta' Dicembru, 2013, (ara foll 1);

33. Illi jirrizulta li l-artikli 2153 u 2156 (f) tal-Kap 16 fuq riferiti mill-intimat Bugeja fir-risposta ulterjuri tieghu, (ara foll 280), jiddeterminaw li l-perjodi preskrittivi involuti huma dawk ta' sentejn (2) u ta' hames (5) snin rispettivament;

34. Illi konsegwentement jirrizulta li bejn il-possibilita` tal-azzjoni li setghet tigi intavolata ghad-danni rizultanti favur is-socjeta` rikorrenti u l-intavolar attwali tal-procedura gudizzjarja fir-rigward daparti tal-istess socjeta` ghaddew madwar tmintax-(18) il sena;

35. Illi ghalhekk, tenut kont li l-perjodi ta' preskrizzjoni stabbiliti fl-artikli fuq citati, (ara paragrafu tlieta u tletin, (33), aktar qabel), kienu abbundantement superati, jirrizulta pacifikament assodat li l-azzjoni odjerna hi preskritta;

Ikkunsidrat:

36.0. Illi fir-rigward tas-socjeta` kjamata in kawza jinghad sintetikament is-segwenti:

36.1. Ili jirrizulta assodat mid-dokumentazzjoni *in atti* li din is-socjeta` assumiet ir-responsabbilita` ghad-danni li ghalihom seta' kien responsabbli l-intimat kunsinnatarju Bugeja permezz ta' ittra datata l-5 ta' Settembru, 2013, (ara foll 122);

36.2. Illi f'dan ir-rigward, ser issa jsiru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

36.2.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 289 tal-Kap 16 *de quo* il-kunsinnatarju ghandu jkun responsabbli ghall-preservazzjoni xierqa tal-hwejjeg maqbuda u fdati lilu;

36.2.2. Illi *di piu`*, l-artiklu sussegwenti jistipula li l-kunsinnatarju hu fid-dmir li juza, ghaz-zamma fiz-zgur tal-hwejjeg maqbuda, d-diligenza ta' missier tajjeb;

36.2.3. Illi kif tajjeb irriteniet il-***Qorti tal-Appell (Inferjuri)*** fis-sentenza fl-ismijiet ***Albert Xuereb vs. Joseph Baldacchino*** datata t-***8 ta' Gunju, 2005***:

> "...l-konsinnatarju li jista' jkun talvolta passabbli ghad-danni";

Ikkunsidrat:

37. Illi f'dan ix-xenarju statutorju fuq espost issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell*** fil-kawza fl-ismijiet ***Patrick Staines nomine et vs. Mario Tonna et nomine*** datata t-***28 ta' Settembru, 2012***, (ara foll 27), li stabbiliet is-segwenti:

> "Illi fir-rigward il-qorti taghmel tliet osservazzjonijiet:
>
> "1. li meta l-appellanti saru jafu bil-mandat ta' qbid, huma ma attakkawx il-hrug ta' dan il-mandat b'rikors ghar-revoka tal-istess; hekk l-istess, kif meta kienet harget l-Ordni ta' Zgumbrament huma ma hadu ebda passi u baqghu passivi;
>
> "2. li ma jirrizultax li l-hsara li garrab il-makkinarju u l-oggetti maqbuda kien dovut ghal xi nuqqas la daparti tal-Korporazzjoni u lanqas daparti tal-kunsinnatarju. Jirrizulta, anke mir-ritratti esebiti, li dawn gew storjati f'*hut* maghluqa u fil-pussess

esklussiv tal-kunsinnatarju, u kienu storjati fuq *pallets* tal-injam u mghottijin bil-*plastic*; u

"3. b'enfazi jinghad, li ma jirrizultax li s-sadid li kien hemm fil-makkinarju kien sehh fiz-zmien meta dan kien fil-pussess tal-Korporazzjoni jew tal-kunsinnatarju;

"Fir-rigward tal-ahhar konsiderazzjoni ta' fatt, il-qorti taghmel referenza ghar-ritratti li ttiehdu minn Martin Camilleri fl-24 ta' Lulju, 1995, u cioe` <u>sena wara li l-fabrika kienet waqfet topera</u>, meta l-impjegati tal-korporazzjoni dahhlu fil-fabbrika in esekuzzjoni tal-Ordni. Minn dawn ir-ritratti jidher car li l-makkinarju kien diga qed jissaddad. Jigi ribadit li mill-provi rrizulta li l-ezekuzzjoni tal-Ordni kienet giet effettwata, sena wara li l-appellanti kienu waqfu joperaw fil-fabbrika f'Gunju/Lulju, 1994;

"Illi jigi osservat li huwa principju fundamentali f'materja ta' prova li l-oneru tal-prova tal-fatti allegati jirrisjedi fuq min qed jalleghom. F'dan il-kaz, l-oneru tal-prova li d-danni riskontrati fil-makkinarju sehhew meta dawn kienu fil-pussess tal-Korporazzjoni jew tal-kunsinnatarju, kien jirrisjedi fuq l-appellanti, u l-qorti, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet premessi, ma tarax li mill-provi dan l-oneru, daparti tal-appellanti gie sodisfatt skont il-ligi", (sottolinear tal-istess *Qorti tal-Appell*);

Ikkunsidrat:

38. Illi jigi sottolineat li din il-qorti qed tistrieh fuq is-suespost u taghmlu taghha *stante* li l-istess jirrizulta li ghadu japplika anke ghall-procedura in dizamina;

Ikkunsidrat:

39. Illi konsegwentement jigi ribadit illi in vista tal-istess l-intimati odjerni m'ghandhomx jinstabu responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti peress li ma jirrizultax li l-intimat Bugeja hu hati ta' nuqqas ta' hsieb jew nuqqas ta' diligenza *qua bonus*

*pater familias* kif obbligat li jagixxi fil-funzjoni minnu assunta ta' kunsinnatarju;

Ikkunsidrat:

40.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti naqset li tipprova t-talbiet taghha kif kontenuti fir-rikors guramentat promotur, u konsegwentement:

**DECIDE:**

40.1. Takkolji r-risposti tal-intimat Bugeja flimkien mar-risposta ulterjuri tieghu;

40.2. Takkolji r-risposta tas-socjeta` kjamata in kawza;

40.3. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

40.4. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**